MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2010

Numru. 749/2000

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Neil Attard, iben Raymond, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Diċembru, 1983
u
David Barun, iben Grazio, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Mejju, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra **Neil Attard**, waħdu:
Talli fil-lejl ta’ bejn l-10 u il-11 ta’ Ottubru, 2000 għal ħabta ta’ nofs il-lejl mill-Kunsill Lokali tax-Xgħajra ikkometta serq ta’ diversi oġġetti li l-valur tagħhom huwa ta’ iktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 għad-dannu tal-Kunsill Lokali Xgħajra, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin.

Rat l-akkuża kontra **David Barun**, waħdu:
Talli f'dawn l-aħħar xhur u fil-11 ta' Ottubru, 2000 f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara televisiion tal-kulur 28" tal-marka Seleco, li kien ġej minn serq, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhu jew imexxih.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputati ammettew l-akkuża rispettiva tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża rispettiva miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta' **Neil Attard**, rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Fil-konfront ta' **David Barun**, rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien disa' xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------